MALTA

# QORTI KRIMINALI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Numru 18/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ronald Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat Ronald Vella, li bih huwa gie akkuzat talli fl-4 ta' Dicembru, 1999, f'xi hin wara l-hamsa w nofs ta' filghaxija (5.30 p.m.), fil-post maghruf bhala tas-Sanap limiti tal-Munxar, Ghawdex, dolozament bil-hsieb li joqtol lil martu Jane Vella jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Rat il-verdett tal-gurija ta' llum stess li bih bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra iddikjaraw lill-akkuzat hati tal-att tal-akkuza;

Tiddikjara ghalhekk lil Ronald Vella hati talli fl-4 ta' Dicembru, tas-sena 1999, f'xi hin wara l-hamsa w nofs ta' filghaxija (5.30 p.m.), fil-post maghruf bhala tas-Sanap limiti tal-Munxar, Ghawdex, dolozament bil-hsieb li joqtol lil martu Jane Vella jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-Artikoli 211(I)(2), 492 (2)  u 533 tal-Kodici Kriminali;

Qieset il-kondotta tal-hati, l-fatt li l-verdett ma kienx wiehed unanimu, l-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija kmieni fl-investigazzjoni w mill-banda l-ohra l-mod premeditat,  kiefer u kalkolat kif twettaq ir-reat bil-ghan li, kif ammetta hu stess,  ma jkunx hemm tracci tieghu w c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz;

Tikkundanna lil hati Ronald Vella ghal tletin sena (30) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull perjodu li fih huwa dam arrestat preventivament in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll tikkundanna lill-hati li jhallas lil Gvern ta' Malta s-somma ta' LM 1194.22c,0 ghall-ispejjes tal-perizji a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur

06.12.2002